EBA/GL/2015/01

11.05.2015

# Linji Gwida tal-ABE

## dwar il-listi provviżorji nazzjonali tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi relatati ma' kont tal-pagamenti u soġġetti għal tariffa

# Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 13.07.2015. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eubir-referenza 'EBA/GL/2015/01'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

# Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

5. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-applikazzjoni tajba tal-kriterji speċifikati fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/92/UE li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti meta tiġi stabbilita lista provviżorja tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbutin ma' kont tal-pagamenti u soġġetti għal tariffa.

## Destinatarji

6. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif imsemmi fil-Premessa 17 tad-Direttiva 2014/92/UE.

## Definizzjonijiet

7. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u ddefiniti fid-Direttiva 2014/92/UE għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

8. B'mod partikolari: 'servizzi marbutin mal-kont tal-pagamenti' huma ddefiniti fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/92/UE bħala s-servizzi kollha relatati mal-ftuħ, it-tħaddim u l-għeluq ta' kont tal-pagamenti, inkluż is-servizzi ta' ħlas u t-tranżazzjonijiet ta' pagament li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (g) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/64/KE u l-faċilitajiet ta' overdraft u overrunning.

# Implimentazzjoni

9. Dawn il-linji gwida japplikaw mnn jj/xx/ssss [jum wara l-pubblikazzjoni tal-verżjonijiet tradotti tal-linji gwida].

# Ir-rekwiżiti dwar il-listi provviżorji nazzjonali tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbutin ma' kont tal-pagamenti u soġġetti għal tariffa

## Linja Gwida 1: L-identifikazzjoni tas-servizzi li għandhom jiġu kkunsidrati għal-listi provviżorji

1.1. Fir-rigward tal-kriterju tal-'aktar servizzi użati mill-konsumaturi fir-rigward tal-kont tal-pagamenti tagħhom' kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/92/UE, għandhom jiġu kkunsidrati l-fatturi li ġejjin, sal-punt meħtieġ biex tiġi ddeterminata l-lista:

a. l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-popolazzjoni ġenerali tal-konsumaturi, meta jivvalutaw il-livell ta' tixrid tas-servizzi;

b. l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-prevalenza relattiva tas-servizzi f'termini ta' kemm ta' spiss jikkostitwixxu karatteristika tal-kontijiet tal-pagamenti;

c. l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kemm ta' spiss jintużaw is-servizzi inkwistjoni, billi fejn ikun possibbli jitqies il-proporzjon ta' konsumaturi li jużaw is-servizz flimkien man-numru ta' drabi li jintuża s-servizz;

d. l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu l-provvediment tal-kont innifsu bħala servizz.

1.2. Fir-rigward tal-kriterju ta' 'servizzi li jiġġeneraw l-akbar spiża għall-konsumaturi, kemm globalment kif ukoll għal kull unità' kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/92/UE, għandhom jiġu kkunsidrati l-fatturi li ġejjin, sal-punt meħtieġ biex tiġi ddeterminata l-lista:

a. meta jiġu kkunsidrati t-tariffi b'mod globali kif ukoll għal kull unità, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx biss jikkunsidraw is-servizzi li jissodisfaw dawn iż-żewġ kriterji fl-istess ħin, iżda anki s-servizzi li jiġġeneraw l-akbar spiża għall-konsumaturi b'mod globali jew għal kull unità;

b. l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw it-tariffi b'mod kumulattiv meta jiddeterminaw il-kostijiet unitarji jew l-ispejjeż globali tas-servizzi li jistgħu jġibu magħhom tipi differenti ta' tariffi;

c. meta jiġi aċċertat liema huma s-servizzi l-aktar rappreżentattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-ispejjeż li huma mġarrba, jew li jistgħu jiġu mġarrba, mill-konsumaturi fuq bażi annwali għall-użu tas-servizz, preferibbilment abbażi tad-dejta l-aktar riċenti disponibbi li tkopri perjodu ta' 12-il xahar.

## Linja Gwida 2: Eżerċizzju ta' ġudizzju meta jiġu stabbiliti l-listi provviżorji

2.1. Meta tiġi stabbilita l-lista proviżorja, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu prijorità lil dawn is-servizzi li jissodisfaw iż-żewġ kriterji (jiġifieri fil-qasam C tal-Figura 1).

2.2. Imbagħad, peress li l-kriterji mhumiex strettament kumulattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll is-servizzi li jissodisfaw biss wieħed mill-kriterji (jiġifieri fl-oqsma A jew B) għall-inklużjoni fil-lista proviżorja.

Figura 1 - Servizzi u kriterji




| | |
|---|---|
| Servicies most commonly used by consumers | Servizzi l-aktar użati mill-konsumaturi |
| Services generating highest cost for consumers | Servizzi li jiġġeneraw l-akbar spiża għall-konsumaturi |

2.3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw biss kriterji oħra bħala eċċezzjoni, għall-kwistjonijiet speċifiċi għas-suq. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jiġġustifikaw il-metodoloġija użata, billi jipprovdu dejta ta' appoġġ u jipprovdu r-raġunament wara d-deċiżjonijiet tagħhom.

2.4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw is-servizz ipprovdut bħala servizz uniku, irrispettivament mill-potenzal għall-fornituri biex jiddifferenzjaw l-ispejjeż skont il-fatturi bħall-mezzi ta' użu jew l-identità tal-fornitur tas-servizz ta' ħlas riċeventi.

## Linja Gwida 3: Tweġibiet bil-listi provviżorji

3.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwieġbu lill-Kummissjoni u lill-EBA permezz tal-mudell fl-Anness. L-awtoritajiet kompetenti mbagħad għandhom jibagħtu t-tweġibiet tagħhom fuq il-kaxxi postali ddedikati li ġejjin

- EC-PAD-IMPLEMENTATION@ec.europa.eu, u
- PAD@eba.europa.eu

## Linja Gwida 4: Appoġġ għad-dejta u l-evidenza

4.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq dejta rilevanti. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw id-dejta minn firxa wiesgħa ta' sorsi, sakemm id-dejta tkun affidabbli.

4.2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jistgħu jipprovdu dejta ta' appoġġ biex jiġġustifikaw kwalunkwe deċiżjoni biex tinkludi jew teskludi servizzi partikolari mil-lista tagħhom.

## Linja Gwida 5: Sottomissjoni tal-listi provviżorji

5.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissodisfaw il-lista skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/92/UE sat-18 ta' Settembru 2015.

## Anness: Mudell għat-tweġibiet tal-awtorità kompetenti

### Dettalji ta’ kuntatt

Stat Membru: ______________________

Awtorità kompetenti: ______________________

Persuna ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti:

Isem: ______________________

Kariga: ______________________

Email: ______________________

Tel.: ______________________

Faks: ______________________

Jekk jogħġbok iddeskrivi jekk is-servizzi jew it-terminoloġija użati ġewx standardizzati, u b'liema mod (leġiżlazzjoni, inizjattiva tal-industrija eċċ.):

______________________________________________________________

______________________________________________________________

### Struzzjonijiet għall-mili tal-mudell

1. Jekk jogħġbok indika lista ta' mill-inqas 10 u mhux aktar minn 20 mis-servizzi l-aktar rappreżentattivi relatati mal-kont tal-pagamenti. Il-mudell huwa maqsum f'tipi differenti ta' servizzi skont in-natura tas-servizzi.
2. Jekk jogħġbok żid ir-ringieli mat-tabelli għal kull wieħed mis-servizzi inklużi fil-lista tiegħek ta' mill-anqas 10 u mhux aktar minn 20 mis-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbutin mal-kont tal-pagamenti.
3. Jekk jogħġbok immarka b'mod speċifiku kwalunkwe kelma jew terminoloġija li hija standardizzata fl-Istat Membru tiegħek. Jekk jogħġbok agħti t-terminoloġija fi traduzzjoni bl-Ingliż u fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tiegħek.
4. Xi eżempji ta' servizzi li jaqgħu taħt kull wieħed mit-tipi huma ppreżentati f'tabella taħt it-tabelli ta' rispons. Jekk is-servizz li qiegħed issemmi jikkorrispondi għal eżempju wieħed jew aktar, jekk jogħġbok indika l-kodiċi(jiet) tal-ID tal-eżempju fi-kolonna ‘Kodiċi tal-ID’. Jekk is-servizz ma jirrispondix għal xi wieħed mill-eżempji, jekk jogħġbok ħalli l-kolonna tal-ID korrispondenti vojta.

5. Jekk jogħġbok innota li din il-lista ta' kodiċijiet mhijiex eżawrjenti - hija maħsuba biss sabiex tiffaċilita l-paragun tar-risposti tal-Istati Membri.
6. Eżempju wieħed ta' servizz huwa mimli għal-lest għal finijiet ta' informazzjoni biss. Jekk dan is-servizz mhuwiex rilevanti għat-tweġiba tiegħek, jekk jogħġbok ħassru.
7. Jekk jogħġbok indika l-mezzi rilevanti ta' twassil għas-servizz inkwistjoni. Jekk jogħġbok innota li hemm kolonna biex tindika jekk is-servizzi għandhomx prezzijiet differenti skont il-mezz. Pereżempju: it-tariffa mħallsa minn fornitur tas-servizz ta' ħlas (PSP) biex isir trasferiment ta' kreditu tista' tvarja skont jekk il-klijent jibdiex il-pagament online jew f'fergħa, jew skont jekk it-trasferiment isirx bejn il-kontijiet miftuħin ma' PSPs differenti jew bejn kontijiet fi ħdan PSP wieħed.
8. Jekk jogħġbok innota li inti mitlub/a tindika l-prattiki tas-suq l-aktar komuni għal kull servizz, u m'intix mitlub/a tindika l-ammonti ta' tariffi.

## Spjegazzjonijiet għall-intestaturi tal-kolonni użati fil-mudell

**Servizzi ta' kont tal-pagamenti (Ingliż)** – Jekk jogħġbok ipprovdi l-isem tas-servizz bl-Ingliż.

**Isem tas-servizzi bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru** – Jekk ikun hemm aktar minn isem wieħed, jekk jogħġbok indika l-aktar isem użat fil-ġurisdizzjoni nazzjonali tiegħek. Dan għandu jinkludi kwalunkwe terminu rilevanti, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva.

**Deskrizzjoni tas-servizz bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru** – Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni tas-servizz. Din għandha tinkludi kwalunkwe definizzjoni formali li teżisti, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva.

**Deskrizzjoni tas-servizz (bl-Ingliż)** – Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni tas-servizz bl-Ingliż.

**Deskrizzjoni tal-istruttura tal-aktar tariffi komuni, l-aktar perjodiċità applikata b'mod komuni għas-servizz, u jekk jiġux appliķati eżenzjonijiet** – Fejn ikun applikabbli, jekk jogħġbok qis l-aktar struttura ta' tariffi komuni fil-pajjiż tiegħek. F'din iċ-ċellola, tista' tiddeskrivi kwalunkwe differenzjazzjoni addizzjonali ta' tariffi li hija mifruxa f'livell nazzjonali, bħal meta jintużaw kriterji differenti għat-tariffi ta' żamma: bilanċ totali ta' kontijiet relatati mal-fornitur tas-servizz; il-bilanċ tal-kont; jew servizzi oħra sottoskritti, fost l-oħrajn. Jekk jogħġbok innota li ma għandekx bżonn tindika l-ammonti tat-tariffi. Din m'hemmx għalfejn tkun deskrizzjoni eżawrjenti ta' kull struttura.

**Jekk jogħġbok indika jekk it-tariffi huma differenzjati għal mezzi differenti** – Jekk jogħġbok uża din il-kolonna u l-għażliet ippreżentati jekk hija prattika tas-suq komuni li fl-Istat Membru tiegħek il-prezzijiet ikunu differenzjati skont il-mezzi ta' użu. Jekk jogħġbok ipprovdi spjegazzjoni jekk hemm taħlita tal-prattiki fis-suq nazzjonali.

**Kodiċi tal-ID** – Jekk dan is-servizz huwa inkluż fit-tabella tal-eżempji ta' hawn taħt, jekk jogħġbok indika l-kodiċi tal-ID korrispondenti.

## Tip 1 - Ġestjoni / żamma tal-kont u servizzi relatati

| 1. Servizzi ta' kontijiet tal-pagamenti (bl-Ingliż) | 2. L-isem tas-servizzi bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru | 3. Deskrizzjoni tas-servizz bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru | 4. Deskrizzjoni tas-servizz (bl-Ingliż) | 5. Deskrizzjoni tal-istruttura tal-aktar tariffi komuni, l-aktar perjodiċità applikata għas-servizz, u jekk jiġux applikati eżenzjonijiet | 6. Jekk jogħġbok indika jekk it-tariffi humiex differenzjati għal mezzi differenti | 7. Kodiċi tal-ID |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | It-tariffi huma differenzjati skont il-mezz ta' użu?<br>☐ Ie ☐ iva<br>Jekk iva, liema mezzi:<br>☐ fergħa ☐ internet<br>☐ mowbajl☐ oħrajn: ___________ | |
| | | | | | It-tariffi huma differenzjati skont il-mezz ta' użu?<br>☐ Ie ☐ iva<br>Jekk iva, liema mezzi:<br>☐ fergħa ☐ internet<br>☐ mowbajl ☐ oħrajn: ___________ | |

| **Eżempji ta' servizzi taħt it-Tip 1 - 'Ġestjoni / żamma tal-kont u servizzi relatati'** | **Kodiċi tal-ID** |
|---|---|
| Tariffa regolari għaż-żamma tal-kont tal-pagamenti.<br>Jekk din it-tariffa jkollha t-tendenza tippermetti lill-konsumaturi jaċċessaw servizzi oħrajn (mingħajr ebda spiża), jekk jogħġbok indika l-kodiċijiet għad-diversi servizzi l-aktar koperti mit-tariffa ta' żamma fis-suq tiegħek (eż. Kodiċi tal-ID 4, jekk tiġi pprovduta karta ta' debitu), kif ikun żvelat skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/92/UE. | 1 |
| Tariffa regolari relatata mal-livell jew il-metodu ta' forniment ta' servizz (eż. tariffa għal servizzi bankarji bl-internet jew bit-telefown) | 2 |
| Servizzi anċillari oħrajn bħall-forniment ta' kopji ta' dikjarazzjonijiet, mistoqsijiet dwar il-bilanċ | 3 |

## Tip 2 – Strumenti ta' pagament (servizzi ta' kards u ċekkijiet)

| 1. Servizzi ta' kontijiet tal-pagamenti (bl-Ingliż) | 2. L-isem tas-servizzi bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru | 3. Deskrizzjoni tas-servizz bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru | 4. Deskrizzjoni tas-servizz (bl-Ingliż) | 5. Deskrizzjoni tal-istruttura tal-aktar tariffi komuni, l-aktar perjodiċità applikata għas-servizz, u jekk jiġux applikati eżenzjonijiet | 6. Jekk jogħġbok indika jekk it-tariffi humiex differenzjati għal mezzi differenti | 7. Kodiċi tal-ID |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | It-tariffi huma differenzjati skont il-mezz ta' użu?<br>☐ Ie ☐ iva<br>Jekk iva, liema mezzi:<br>☐ fergħa ☐ internet<br>☐ mowbajl☐oħrajn: ____________ | |
| | | | | | It-tariffi huma differenzjati skont il-mezz ta' użu?<br>☐ Ie ☐ iva<br>Jekk iva, liema mezzi:<br>☐ fergħa ☐ internet<br>☐ mowbajl ☐ oħrajn: ____________ | |

| Eżempji ta' servizzi taħt it-Tip 2 – 'Strumenti ta' pagament (servizzi ta' kards u ċekkijiet)' | Kodiċi tal-ID |
|---|---|
| Ħruġ jew żamma ta' karta ta' debitu | 4 |
| Ħruġ jew żamma ta' karta ta' kreditu, inkluż karta ta' debitu differita | 5 |
| Ġbid ta' flus[2] | 6 |

[2] Jekk jogħġbok indika jekk it-tariffi humiex differenzjati għal mezzi oħrajn permezz ta' 'oħrajn' fil-kolonna 6. Dan japplika għal ġbid minn fergħa jew ATM. Jekk jogħġbok indika wkoll jekk hemmx tariffi differenti abbażi tan-netwerk li tagħmel parti minnu l-ATM, jekk dan ikun il-każ fis-suq tiegħek. Dan ma jinkludix it-tariffi imposti direttament fuq il-konsumatur minn fornitur tal-ATM fir-rigward tal-ġbid individwali u mħallsin lill-fornitur tal-ATM mill-konsumatur bħala soprataxxa fuq il-fondi miġbuda.

| | |
|---|---|
| Tqegħid ta' munita fiduċjarja (karti tal-flus u muniti) | 7 |
| Użu ta' karta ta' debitu għal pagamenti barra 'l pajjiż | 8 |
| Użu ta' karta ta' debitu għal ġbid minn ATM barranija | 9 |
| Użu ta' karta ta' kreditu għal pagamenti barra 'l pajjiż | 10 |
| Użu ta' karta ta' kreditu għal ġbid minn ATM barranija | 11 |
| Forniment ta' ktieb taċ-ċekkijiet | 12 |

## Tip 3 – Servizzi ta' ħlas domestiċi[3]

| 1. Servizzi ta' kontijiet tal-pagamenti (bl-Ingliż) | 2. L-isem tas-servizzi bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru | 3. Deskrizzjoni tas-servizz bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru | 4. Deskrizzjoni tas-servizz (bl-Ingliż) | 5. Deskrizzjoni tal-istruttura tal-aktar tariffi komuni, l-aktar perjodiċità applikata għas-servizz, u jekk jiġux applikati eżenzjonijiet | 6. Jekk jogħġbok indika jekk it-tariffi humiex differenzjati għal mezzi differenti | 7. Kodiċi tal-ID |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Tip 3 – Servizzi ta' ħlas domestiċi** | | | | | | |
| **[Eżempju indikattiv]**<br><br>**Trasferiment tal-kreditu - SEPA** | | | *It-tranżazzjoni tal-pagament mibdija mill-pagatur li tippermetti t-trasferiment ta' fondi, f'euro, mill-kont tal-pagatur b'fornitur tas-servizzi ta' ħlas għall-kont tal-benefiċjarju b'fornitur tas-servizzi ta' ħlas, fejn kemm il-fornituri u l-fornitur uniku jinsab/jinsabu fi ħdan Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA).* | *Il-pagatur jaf ikollu jħallas tariffa meta tinbeda t-tranżazzjoni tal-pagament. Din it-tariffa tista' tvarja skont il-mezz użat biex jingħata l-ordni. Jistgħu japplikaw xi eżenzjonijiet jekk l-ordni ta' pagament tingħata permezz ta' mezz partikolari (eż. l-internet, ATM). M'hemm ebda differenzjazzjoni fit-tariffi imposti skont l-identità tal-fornitur tas-servizz ta' ħlas riċeventi.* | It-tariffi huma differenzjati skont il-mezz ta' użu?<br>☐ le ☒ iva<br>Jekk iva, liema mezzi:<br>☒ fergħa ☒ internet<br>☒ mowbajl☒ oħrajn: fuq it-telefown; ATM | *13* |
| | | | | | It-tariffi huma differenzjati skont il-mezz ta' użu?<br>☐ le ☐ iva<br>Jekk iva, liema mezzi:<br>☐ fergħa ☐ internet<br>☐ mowbajl ☐ oħrajn: ___________ | |

[3] Mibdijin u mlestijin fi ħdan l-Istat Membru.

| **Eżempji ta' servizzi taħt it-Tip 3 – 'Servizzi ta' ħlas domestiċi'** | **Kodiċi tal-ID** | **Eżempji ta' servizzi taħt it-Tip 3 – 'Servizzi ta' ħlas domestiċi'** | **Kodiċi tal-ID** |
|---|---|---|---|
| Tasferimenti ta' kreditu[4] – SEPA[5] | 13 | Debiti diretti (jekk ikun hemm tariffi assoċjati mal-istabbiliment) | 16 |
| Trasferiment ta' kreditu – mhux SEPA | 14 | Tariffi ta' partiti mħallsin (tariffi imposti meta jsir pagament iżda ma jkunx hemm biżżejjed fondi fil-kont) | 17 |
| Ordnijiet permanenti | 15 | Tariffi ta' partiti mhux imħallsin (tariffi imposti meta pagament jiġi rrifjutat peress li ma jkunx hemm biżżejjed fondi fil-kont) | 18 |

[4] Għal trasferimenti ta' kreditu, jekk jogħġbok indika fil-Kolonna 5 jekk hemmx differenzjazzjoni fit-tariffi imposti skont l-identità tal-fornitur tas-servizzi ta' ħlas riċeventi.
[5] Trasferimenti ta' kreditu skont ir-Regolament (UE) Nru 260/2012.

## Tip 4 – Pagamenti internazzjonali u servizzi relatati ma' muniti barranin

| 1. Servizzi ta' kontijiet tal-pagamenti (bl-Ingliż) | 2. L-isem tas-servizzi bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru | 3. Deskrizzjoni tas-servizz bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru | 4. Deskrizzjoni tas-servizz (bl-Ingliż) | 5. Deskrizzjoni tal-istruttura tal-aktar tariffi komuni, l-aktar perjodiċità applikata għas-servizz, u jekk jiġux applikati eżenzjonijiet | 6. Jekk jogħġbok indika jekk it-tariffi humiex differenzjati għal mezzi differenti | 7. Kodiċi tal-ID |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | It-tariffi huma differenzjati skont il-mezz ta' użu?<br>☐ le ☐ iva<br>Jekk iva, liema mezzi:<br>☐ fergħa ☐ internet<br>☐ mowbajl ☐ oħrajn: ___________ | |
| | | | | | It-tariffi huma differenzjati skont il-mezz ta' użu?<br>☐ le ☐ iva<br>Jekk iva, liema mezzi:<br>☐ fergħa ☐ internet<br>☐ mowbajl ☐ oħrajn: ___________ | |

| Eżempji ta' servizzi taħt it-Tip 4 – 'Pagamenti internazzjonali u servizzi relatati ma' muniti barranin' | Kodiċi tal-ID |
|---|---|
| Trasferimenti ta' kreditu – SEPA | 13 |
| Trasferiment ta' kreditu – mhux SEPA | 14 |
| Irċevuta tat-trasferimenti ta' fondi elettroniċi internazzjonali | 19 |
| Servizzi ta' skambju ta' munita | 20 |
| Ċekkijiet tal-vjaġġaturi f'munita barranija | 21 |

## Tip 5 – Servizzi ta' overdraft u overrunning

| 1. Servizzi ta' kontijiet tal-pagamenti (bl-Ingliż) | 2. L-isem tas-servizzi bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru | 3. Deskrizzjoni tas-servizz bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru | 4. Deskrizzjoni tas-servizz (bl-Ingliż) | 5. Deskrizzjoni tal-istruttura tal-aktar tariffi komuni, l-aktar perjodiċità applikata għas-servizz, u jekk jiġux applikati eżenzjonijiet | 6. Jekk jogħġbok indika jekk it-tariffi humiex differenzjati għal mezzi differenti | 7. Kodiċi tal-ID |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | It-tariffi huma differenzjati skont il-mezz ta' użu?<br>☐ le ☐ iva<br>Jekk iva, liema mezzi:<br>☐ fergħa ☐ internet<br>☐ mowbajl ☐ oħrajn: ____________ | |
| | | | | | It-tariffi huma differenzjati skont il-mezz ta' użu?<br>☐ le ☐ iva<br>Jekk iva, liema mezzi:<br>☐ fergħa ☐ internet<br>☐ mowbajl ☐ oħrajn: ____________ | |

| **Eżempji ta' servizzi taħt it-Tip 5 – 'Servizzi ta' overdraft u overrunning'** | **Kodiċi tal-ID** |
|---|---|
| Faċilità ta' overdraft [6] (overdraft irranġata) | 22 |
| Overrunning [7] (overdraft mhux irranġata) | 23 |
| Tariffi ta' partiti mħallsin (tariffi imposti meta jsir pagament iżda ma jkunx hemm biżżejjed fondi fil-kont) | 17 |
| Tariffi ta' partiti mhux imħallsin (tariffi imposti meta pagament jiġi rrifjutat peress li ma jkunx hemm biżżejjed fondi fil-kont) | 18 |

[6] Għal faċilitajiet ta' overdraft, jekk jogħġbok indika fil-kolonna 5 liema spejjeż tipiċi huma applikati: tariffa għall-ftuħ, tariffa għall-użu, rata tal-imgħax (hija permessa aktar minn tariffa waħda).

[7] Għal overrunning, jekk jogħġbok indika fil-kolonna 5 liema spejjeż tipiċi huma applikati: tariffa għall-użu, rata tal-imgħax (huma permessi diversi tariffi).